# QORTI ĊIVILIB
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-21 ta' April 2022**

**Rikors Numru : 16/2022 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**CB**

**Vs**

**JB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CB datat 12 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Marzu 2012 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li ghadhom minuri; Dok A certifikat taz-zwieg anness;*

2. *Illi l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar l-1 ta' Gunju 2021 (Dok B anness);*

3. *Illi t-termini tal-kuntratt in kwantu ghall-manteniment u l-obbligu tal-hlas tal-ispejjez tal-ulied qed jigu osservati mill-esponenti ragel u ma hemm ebda arretrati;*

4. *Illi illum m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikoncilazzjoni, anke l-ghaliex, z-zewg partijiet ilhom li ghandhom hajja totalment separata minn xulxin minn Awwissu 2020 fejn kienu diga jghixu separati de facto;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi*

*ghall-ksib ta-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqastnat, l-esponent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

*U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ppresentat ebda risposta izda dehret assistita legalment ghas-seduta mhejjija nhar il-21 ta' Marzu 2022, u ddikjarat seduta stante illi ma kellhiex oggezzjoni ghal-ghoti tad-divorzju;

Rat illi l-partijiet ddikjaraw seduta stante illi ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 19);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 22) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 2022 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li ghadhom minorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Jean Carl Debono nhar l-1 ta' Gunju 2021. Iddikjara illi ilhom separati de facto sa minn Awissu 2020 u qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni bejniethom u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess.

Ikkonferma illi l-obbligu tieghu tal-manteniment dejjem osservah u ghalhekk ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-kontendenti.

**L-intimata xehdet** (vide fol 23) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-***

***miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar il-31 ta' Marzu 2012 liema zwieg igib c-certifikat numru 539/2012 (Vide certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat nhar l-1 ta' Gunju 2021, fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono (Vide Dok B, fol 4 et seqq.) Di piu', ghexu separati de facto minn Awwissu 2020. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 539/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**